

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **DIRETTIVA 2008/96/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tad-19 ta' Novembru 2008
dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq
(ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Direttiva (UE) 2019/1936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019	L 305	1	26.11.2019

▼B**DIRETTIVA 2008/96/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tad-19 ta' Novembru 2008****dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq****▼M1***Artikolu 1***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tesiġi l-istabiliment u l-implimentazzjoni ta' proċeduri marbutin ma' valutazzjonijiet tal-impatt tas-sikurezza tat-toroq, awditi tas-sikurezza tat-toroq, spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq u valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu mill-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal toroq li huma parti min-netwerk tat-toroq trans-Ewropew, għall-awtostradi u għal toroq primarji oħra, kemm jekk ikunu fl-istadju tad-disinn, kif ukoll jekk qed jinbnew inkella jkunu qed joperaw.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal toroq u proġetti ta' infrastruttura tat-toroq li mhumiex koperti mill-paragrafu 2, li jinsabu 'l barra miż-żoni urbani, li ma jwasslu għal proprjetajiet li jmissu magħhom u li jitlestew bl-użu ta' finanzjament tal-Unjoni bl-eċċezzjoni ta' toroq li mhumiex miftuħa għal traffiku ta' vetturi ġenerali bil-mutur, bħall-passaġġi għar-roti, jew toroq li mhumiex iddisinjati għal traffiku ġenerali, bħat-toroq ta' aċċess għal siti industrijali, agrikoli jew forestali.

4. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva toroq primarji li għandhom riskju baxx għas-sikurezza, abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati marbuta mal-volumi tat-traffiku u l-istatistika tal-aċċidenti.

L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva toroq mhux imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, sas-17 ta' Diċembru 2021, il-lista ta' awtostradi u ta' toroq primarji fit-territorju tiegħu u, wara dan, kwalunkwe bidla sussegwenti fihom. Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni l-lista tat-toroq eżentati f'konformità ma' dan il-paragrafu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jew inklużi fiha, u, minn hemm 'il quddiem, kwalunkwe bidla sussegwenti fihom.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tat-toroq notifikati skont dan l-Artikolu.

5. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal toroq f'ini koperti mid-Direttiva 2004/54/KE.

▼B*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼ M1

- (1) “network tat-toroq trans-Ewropew” tfisser in-network tat-toroq identifikat fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- (1a) “awtostrada” tfisser triq, iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta’ vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet mal-ġnub tagħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:
- (a) tkun mgħammra, għajr f’punti speċjali jew b’mod temporanju, b’karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strixxa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b’mod eċċezzjonali, b’mezzi oħra;
- (b) li fil-livell tagħha ma taqşam ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi;
- (c) tkun iddeżinjata speċifikament bħala awtostrada;
- (1b) “triq primarja” tfisser triq barra ż-żoni urbani li tgħaqqad bliet kbar jew reġjuni, jew it-tnejn, u li tappartjeni għall-ogħla kategorija ta’ toroq taħt il-kategorija “awtostrada” fil-klassifikazzjoni tat-toroq nazzjonali li tkun fil-post fis-26 ta’ Novembru 2019;

▼ B

- (2) “entità kompetenti” tfisser kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata mwaqqfa f’livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, involuta fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva minħabba l-kompetenzi tagħha inklużi l-korpi innominati bħala entitajiet kompetenti li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, sa fejn dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva;
- (3) “evalwazzjoni ta’ l-impatt tas-sikurezza fit-toroq” tfisser analiżi strateġika komparattiva ta’ l-impatt li jkollhom triq ġdida jew modifika sostanzjali għan-network eżistenti fuq il-livell tas-sikurezza tan-network tat-toroq;
- (4) “awditjar tas-sikurezza fit-toroq” ifisser verifika indipendenti, dettaljata, sistematika u teknika tas-sikurezza tal-karatteristiċi tad-disinn ta’ proġett ta’ infrastruttura tat-toroq, li jkopri kull stadju mill-ippjanar sal-bidu ta’ l-operat;

▼ M1

- (6) “klassifikazzjoni tas-sikurezza” tfisser klassifikazzjoni ta’ partijiet min-network ta’ toroq eżistenti f’kategoriji skont is-sikurezza intrinsika tagħhom imkejla oġġettivament;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

▼ M1

- (7) “spezzjoni mmirata tas-sikurezza tat-toroq” tfisser investigazzjoni mmirata biex tidentifika kundizzjonijiet perikolużi, difetti u problemi li jżidu r-riskju ta’ aċċidenti u korrimenti, abbażi ta’ spezzjoni fuq il-post ta’ triq eżistenti jew ta’ sezzjoni minn triq;
- (7a) “spezzjoni perjodika tas-sikurezza tat-toroq” tfisser verifika perjodika ordinarja tal-karatteristiċi u d-difetti li jirrikjedu xogħol ta’ manutenzjoni għal-raġunijiet ta’ sikurezza;

▼ B

- (8) “linji gwida” huma miżuri adottati mill-Istati Membri, li jistabbilixxu l-passi li għandhom jiġu segwiti, kif ukoll l-elementi li għandhom jitqiesu fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ sikurezza stabbiliti f’din id-Direttiva;
- (9) “proġett ta’ infrastruttura” ifisser proġett għall-kostruzzjoni ta’ infrastruttura ġdida tat-toroq, jew modifikazzjoni sostanzjali għan-netwerk eżistenti li jaffettwa il-fluss tat-traffiku;

▼ M1

- (10) “utent vulnerabbli tat-triq” tfisser utenti tat-triq minghajn vettura bil-mutur, inklużi, b’mod partikolari, il-persuni bir-roti u l-persuni bil-mixi, kif ukoll l-utenti ta’ vetturi motorizzati b’żewġ roti.

▼ B*Artikolu 3***L-evalwazzjoni ta’ l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għal proġetti ta’ infrastruttura**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq evalwazzjoni ta’ l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għall-proġett kollha ta’ infrastruttura.
2. L-evalwazzjoni ta’ l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għandha ssir fl-istadju inizjali ta’ l-ippjanar, qabel ma jiġi approvat il-proġett ta’ infrastruttura. B’rabta ma’ dan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I.
3. L-evalwazzjoni ta’ l-impatt tas-sikurezza tat-toroq għandha tindika l-konsiderazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq li jikkontribwixxu għall-għażla tas-soluzzjoni proposta. Għandha tipprovi wkoll kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għal analiżi dwar ir-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju tal-għażliet differenti li ġew evalwati.

*Artikolu 4***L-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għal proġetti ta’ infrastruttura**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq isir għal kull proġett ta’ infrastruttura.
2. Meta jagħmlu l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinħatar awditur biex jivverifika l-karatteristiċi tad-disinn ta’ proġett ta’ infrastruttura.

L-awditur għandu jinħatar skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 9, paragrafu 4 u għandu jkollu l-kompetenza u t-taħriġ meħtieġa kif provdut fl-Artikolu 9. Fejn l-awditjar isir minn gruppi ta’ spezzjoni, mill-anqas membru wieħed mill-grupp għandu jkollu ċertifikat ta’ kompetenza kif previst fl-Artikolu 9(3).

▼B

3. L-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għandu jiffirma parti integrali mill-proċess tad-disinn tal-proġett ta' infrastruttura fl-istadji ta' l-abbozz tad-disinn, tad-disinn dettaljat, tal-ftuħ minn qabel u ta' l-operazzjoni bikrija.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awditur jistabbilixxi elementi ta' disinn li jikkompromettu s-sikurezza fir-rapport ta' l-awditjar għal kull stadju tal-proġett ta' l-infrastruttura. Kull fejn jiġu identifikati karatteristiċi mhux sikuri waqt il-proċess ta' l-awditjar mingħajr ma jitranġa d-disinn qabel it-tmiem ta' l-istadju xieraq kif imsemmi fl-Anness II, ir-raġunijiet għandhom ikunu ddikjarati mill-entità kompetenti f'anness ma' dak ir-rapport.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 iwassal għal rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-perspettiva ta' sikurezza.

▼M1

6. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida għad-disinn ta' "għub tat-toroq li jaħfru" u toroq "awtoevidenti" (self-explaining) u "self-enforcing" (li jgħinu lis-sewwieq awtomatikament fis-sikurezza tat-toroq) fl-awditu inizjali tal-fażi tad-disinn, kif ukoll gwida dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità rigward l-utenti vulnerabbli tat-toroq. Tali gwida għandha tiġi żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri.

*Artikolu 5***Valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu li joperaw u li huma koperti b'din id-Direttiva.

2. Il-valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu għandhom jeżaminaw ir-riskju tal-gravità tal-aċċidenti u tal-gravità tal-impatt, abbażi ta':

(a) primarjament, eżami viżiv, fuq il-post jew b'mezzi elettroniċi, tal-karatteristiċi tad-disinn tat-triq (sikurezza intrinsika); u

(b) analiżi tas-sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li ilhom jintużaw għal aktar minn tliet snin u li fuqhom seħħ għadd kbir ta' inċidenti serji fi proporzjon mal-fluss tat-traffiku.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ewwel valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu ssir sa mhux aktar tard mill-2024. Valutazzjonijiet sussegwenti tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu għandhom ikunu frekwenti biżżejjed biex jiġu żgurati livelli adegwati ta' sikurezza, iżda fi kwalunkwe każ għandhom isiru mill-inqas kull ħames snin.

4. Fit-twertiq tal-valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-elementi indikattivi stabbiliti fl-Anness III.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar il-metodoloġija għat-twertiq ta' valutazzjonijiet sistematiki tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu u l-klassifikazzjonijiet tas-sikurezza.

▼ M1

6. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u għall-fini ta' prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet għal azzjoni ulterjuri, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw is-sezzjonijiet kollha tan-netwerk tat-toroq f'mhux inqas minn tliet kategoriji skont il-livell ta' sikurezza tagħhom.

*Artikolu 6***Spezzjonijiet perjodiċi tas-sikurezza tat-toroq**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru spezzjonijiet perjodiċi tas-sikurezza tat-toroq frekwenti biżżejjed sabiex jissalvagwardaw il-livelli ta' sikurezza adatti għall-infrastruttura tat-toroq ikkonċernata.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sikurezza tas-sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li jmissu ma' mini tat-triq koperti mid-Direttiva 2004/54/KE, permezz ta' spezzjonijiet konġunti tas-sikurezza tat-toroq li jinvolvu entitajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u d-Direttiva 2004/54/KE. L-ispezzjonijiet konġunti tas-sikurezza tat-toroq għandhom ikunu biżżejjed frekwenti biex jiżguraw livelli xierqa ta' sikurezza, iżda fi kwalunkwe każ isiru mill-inqas darba kull sitt snin.

▼ B

4. Bla ħsara għal-linji gwida adottati skond l-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom jadottaw linji gwida dwar miżuri temporanji ta' sikurezza li japplikaw għax-xogħlijiet fit-toroq. Għandhom jimplementaw ukoll skema adegwata ta' spezzjoni biex jiżguraw li tali linji gwida jiġu applikati sewwa.

▼ M1*Artikolu 6a***Segwitu tal-proċeduri għal toroq li qed joperaw**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu mwettqa skont l-Artikolu 5 jkunu segwiti jew bi spezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq jew b'azzjoni ta' rimedju diretta.

2. Meta jwettqu spezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-elementi indikattivi stabbiliti fl-Anness IIa.

3. L-ispezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq għandhom jitwettqu minn timijiet ta' esperti. Tal-inqas membru wieħed tal-grupp ta' esperti għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 9(4).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-ispezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq jiġu segwiti minn deċiżjonijiet motivati li jiddeterminaw jekk hiex meħtieġa azzjoni ta' rimedju. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw is-sezzjonijiet tat-toroq fejn hemm bżonn ta' titjib fis-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq u jiddefinixxu azzjonijiet li għandhom jingħataw prijorità biex titjeb is-sikurezza ta' dawk is-sezzjonijiet tat-toroq.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjoni ta' rimedju tkun immirata primarjament lejn is-sezzjonijiet tat-toroq b'livelli baxxi ta' sikurezza u li joffru l-opportunità għall-implimentazzjoni ta' miżuri b'potenzjal għoli għall-iżvilupp tas-sikurezza u l-iffrankar tal-ispejjeż relatati mal-aċċidenti.

▼ **M1**

6. L-Istati Membri għandhom iħejju u jaġġornaw regolarment il-pjan ta' azzjoni bi prijoritizzazzjoni bbażat fuq ir-riskji biex isegwu l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' rimedju identifikata.

*Artikolu 6b***Protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-implimentazzjoni tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 6a jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli tat-triq.

*Artikolu 6c***Il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċifika, fil-proċeduri tagħhom eżistenti u futuri għall-marki tat-toroq u għas-sinjali tat-traffiku, għal-leġġibbiltà u d-detezzjoni għas-sewwieqa umani u għas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa. Proċeduri bħal dawn għandhom iqisu speċifikazzjonijiet komuni fejn speċifikazzjonijiet komuni bħal dawn ikunu ġew stabbiliti skont il-paragrafu 3.

2. Grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni għandu, sa mhux aktar tard minn Ġunju 2021, jivvaluta l-opportunità li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet komuni li jinkludu elementi differenti li għandhom l-għan li jiżguraw l-użu operattiv tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku sabiex isaħħu l-leġġibbiltà u d-detezzjoni effettivi tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku għas-sewwieqa umani u għas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa. Dak il-grupp għandu jkun iffurmat minn esperti ddeżinjati mill-Istati Membri. Il-valutazzjoni għandha tinkludi konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-valutazzjoni għandha tqis b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

- (a) l-interazzjoni bejn id-diversi teknoloġiji ta' assistenza għas-sewwieq u l-infrastruttura;
- (b) l-effett tat-temp u ta' fenomeni atmosferiċi kif ukoll tat-traffiku fuq il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku preżenti fit-territorju tal-Unjoni;
- (c) it-tip u l-frekwenza tal-isforzi ta' manutenzjoni meħtieġa għal diversi teknoloġiji, inkluża stima tal-ispejjeż.

3. Filwaqt li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni, relatati mal-proċeduri tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom l-għan li jiżguraw l-użu operattiv tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku tagħhom, fir-rigward tal-leġġibbiltà effettiva u tad-detezzjoni tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku għas-sewwieqa umani u għas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni rigward l-istandards għall-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku.

▼ M1*Artikolu 6d***Informazzjoni u trasparenza**

Il-Kummissjoni għandha tippubblika mappa Ewropea tan-netwerk tat-toroq fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, aċċessibbli online, filwaqt li tenfasizza kategoriji differenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(6).

*Artikolu 6e***Rappurtar volontarju**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jistabbilixxu sistema nazzjonali għall-iskop ta' rappurtar volontarju, aċċessibbli online għall-utenti kollha tat-toroq, biex jiffaċilitaw il-għbir ta' dettalji tal-okkorrenzi trażmessi mill-utenti tat-toroq u l-vetturi, u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mas-sikurezza meqjusa minn min jagħmel ir-rapport bħala ta' periklu reali jew potenzjali għas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq.

▼ B*Artikolu 7***Ġestjoni tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal kull inċident fatali li jseħħ fi triq imsemmija fl-Artikolu 1(2), jinkiteb rapport ta' inċident komplet mill-entità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex f'dak ir-rapport jinkludu kull element li jinsab elenkat fl-Anness IV.

▼ M1

1a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprovdi gwida li abbażi tagħha l-gravità ta' aċċident, inkluż in-numru ta' fatalitajiet u persuni korruti, għandha tiġi rrappurtata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).

▼ B

2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw l-ispiża soċjali medja ta' inċident fatali u l-ispiża soċjali medja ta' inċident gravi li jsir fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jkomplu jiddifferenzjaw ir-rati ta' l-ispejjeż, li għandhom jiġu aġġornati mill-anqas kull ħames snin.

*Artikolu 8***L-adozzjoni u l-komunikazzjoni tal-linji gwida**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk ma jkunux diġa jeżistu, jiġu adottati linji gwida sad-19 ta' Diċembru 2011, biex jappoġġjaw lill-entitajiet kompetenti fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-linji gwida lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni jew l-emendar tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmilhom disponibbli fuq sit web pubbliku.

▼B*Artikolu 9***Il-ħatra u t-taħriġ ta' awdituri**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk ma jkunux diġà jeżistu għandhom ikunu adottati kurrikuli ta' taħriġ għal awdituri tas-sikurezza tat-toroq sad-19 ta' Diċembru 2011.

▼M1

1a. Għal awdituri tas-sikurezza tat-toroq li jieħdu t-taħriġ tagħhom mis-17 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kurrikuli ta' taħriġ għall-awdituri tas-sikurezza tat-toroq jinkludu aspetti relatati ma' utenti vulnerabbli tat-triq u l-infrastruttura għal tali utenti.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull fejn awditur tas-sikurezza tat-toroq jeżerċita funzjoni taħt din id-Direttiva, l-awditur isegwi taħriġ inizjali li jwassal għall-għoti ta' ċertifikat ta' kompetenza u għandu jipparteċipa f'korsijiet regolari ta' taħriġ ulterjuri.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri tas-sikurezza tat-toroq ikollhom ċertifikat ta' kompetenza. Iċ-ċertifikati li jkunu ngħataw qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom jiġu rikonoxxuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri jkunu maħtura konformement mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-awditur għandu jkollu esperjenza rilevanti jew taħriġ fid-disinn tat-toroq, fl-inġinerija tas-sikurezza tat-toroq u fl-analiżi ta' l-inċidenti;
- (b) minn sentejn wara l-adozzjoni mill-Istati Membri tal-linji gwida skond l-Artikolu 8, l-awditjar tas-sikurezza tat-toroq għandu jsir biss minn awdituri jew gruppi li jkun fihom awdituri li jissodisfaw ir-rekwiżiti provduti fil-paragrafi 2 u 3;
- (c) għall-għan tal-proġett ta' infrastruttura li jkun qed jiġi awditjat, l-awditur m'għandux ikun involut, fil-mument ta' l-awditjar, fil-ħolqien jew fl-operazzjoni tal-proġett ta' infrastruttura kkonċernat.

▼M1*Artikolu 10***Skambju tal-aħjar Prattiki**

Sabiex tiżdied is-sikurezza tat-toroq fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri, li jkopru, fost l-oħrajn, kurrikula ta' taħriġ għas-sikurezza tat-toroq, proġetti ta' sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq eżistenti, u teknoloġija ppruvata ta' sikurezza tat-toroq.

▼B*Artikolu 11***Titjib kontinwu ta' Prattika ta' Ġestjoni ta' Sikurezza**

1. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tistruttura l-iskambju ta' tagħrif u l-aħjar Prattika bejn l-Istati Membri, u tagħmel użu mill-esperjenza miksuba f'fora attwali rilevanti internazzjonali, bil-ħsieb li jinkiseb titjib kontinwu tal-Prattika ta' Ġestjoni ta' Sikurezza rigward infrastrutturi tat-toroq fl-Unjoni Ewropea.

▼ **M1**▼ **B**

3. Fejn xieraq, organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, attivi fil-qasam tas-sikurezza u fil-ġestjoni ta' infrastrutturi tat-triq, jistgħu jiġu konsultati dwar kwistjonijiet relatati ma' aspetti tekniċi ta' sikurezza.

▼ **M1***Artikolu 11a***Rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2025 dwar il-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk kollu vvalutat f'konformità mal-Artikolu 5. Fejn possibbli, ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija komuni. Jekk applikabbli, ir-rapport għandu jkopri wkoll il-lista tad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida nazzjonali aġġornati, inkluż b'mod partikolari t-titjib f'termini ta' progress teknoloġiku u ta' protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq. Mill-31 ta' Ottubru 2025, tali rapporti għandhom jiġu pprovduti kull ħames snin.

2. Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, fl-ewwel stadju sal-31 ta' Ottubru 2027 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tfassal u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi msemmija fil-paragrafu 1, u dwar miżuri ulterjuri possibbli, inkluża revizzjoni ta' din id-Direttiva u adattamenti possibbli għall-progress tekniku.

*Artikolu 12***Emenda tal-Annessi**

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku.

*Artikolu 12a***Eżerċitar tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-16 ta' Diċembru 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

▼ M1

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽¹⁾.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjamment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 13***Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

▼ B*Artikolu 14***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2010. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 16***Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼ M1*ANNEX I***ELEMENTI INDIKATTIVI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT
TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ****▼ B**

1. Elementi ta' evalwazzjoni ta' l-impatt tas-sikurezza tat-toroq:
 - (a) definizzjoni tal-problema;
 - (b) is-sitwazzjoni attwali u x-xenarju li fih “ma jsir xejn”;
 - (c) l-għanijiet tas-sikurezza fit-toroq;
 - (d) l-analiżi ta' l-impatti fuq is-sikurezza tat-toroq ta' l-alternattivi proposti;
 - (e) il-paragun ta' l-alternattivi, li jinkludi l-analiżi dwar ir-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju;
 - (f) il-preżentazzjoni tal-firxa ta' soluzzjonijiet possibbli.
2. Elementi li għandhom jitqiesu:
 - (a) fatalitajiet u inċidenti, il-miri ta' tnaqqis imqabbel max-xenarju li fih “ma jsir xejn”;
 - (b) ix-xejriet fl-għażla tar-rotta u tat-traffiku;
 - (c) effetti possibbli fuq networks eżistenti (eż. ħruġ, intersezzjonijiet, passaġġi invelli);
 - (d) utenti tat-triq, inklużi persuni vulnerabbli li jużaw it-toroq (eż. il-persuni li jkunu mixjin, iċ-ċiklisti, is-sewwieqa tal-muturi);

▼ M1

- (e) it-traffiku (eż. volum tat-traffiku, kategorizzazzjoni tat-traffiku skont it-tip), inklużi flussi ta' persuni bil-mixi u ta' persuni bir-roti determinati minn attributi tal-użu tal-art mal-ġenb;

▼ B

- (f) Kundizzjonijiet staġunali u klimatiċi;
- (g) preżenza ta' għadd biżżejjed ta' żoni ta' parkeġġ sikuri;
- (h) attivitajiet sismiċi.

▼ M1*ANNEX II***ELEMENTI INDIKATTIVI TAL-AWDITI TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ****▼ B**

1. Il-kriterji fl-istadju ta' l-abbozz preliminari tad-disinn:
 - (a) il-pożizzjoni ġeografika (eż. l-espożizzjoni għal żerżiq minn ġnub l-għoljiet, għargħar, valangi) u kundizzjonijiet klimatiċi u staġjonali kif ukoll attivitajiet sismiċi;
 - (b) it-tipi ta' junctions u d-distanzi bejniethom;
 - (ċ) l-ġhadd u t-tipi ta' lanes;
 - (d) it-tipi tat-traffiku li huma ammissibbli għat-triq il-ġdida;
 - (e) il-funzjonalità tat-triq fin-netwerk;
 - (f) kundizzjonijiet meteoroloġiċi;
 - (g) il-veloċità tas-sewqan;
 - (h) is-sezzjonijiet (eż. wisa' tal-karreġġjata, rotot għar-roti, mogħdijiet għall-mixi);
 - (i) l-allinjamenti orizzontali u vertikali;
 - (j) il-viżibbiltà;
 - (k) it-tqassim tal-junctions;
 - (l) trasport pubbliku u infrastruttura pubblika;
 - (m) il-passaġġi invelli ta' toroq/ferroviji;

▼ M1

- (n) dispożizzjoni għall-utenti vulnerabbli tat-triq:
 - (i) dispożizzjoni għall-persuni bil-mixi,
 - (ii) dispożizzjoni għall-persuni bir-roti, inkluża l-eżistenza ta' rotot alternattivi jew passaġġi separati mit-traffiku ta' vetturi bil-mutur b'veloċità għolja,
 - (iii) dispożizzjoni għal vetturi motorizzati b'żewġ roti,
 - (iv) densità u lokalità ta' punti ta' qsim għall-persuni bil-mixi u l-persuni bir-roti,
 - (v) dispożizzjoni għal persuni bil-mixi u persuni bir-roti f'toroq affettwati fiż-żona,
 - (vi) separazzjoni ta' persuni bil-mixi u persuni bir-roti mit-traffiku ta' vetturi bil-mutur b'veloċità għolja jew l-eżistenza ta' rotot alternattivi diretti fuq toroq ta' klassi inferjuri.

▼ B

2. Il-kriterji fl-istadju tad-disinn dettaljat:
 - (a) it-tqassim;
 - (b) is-sinjali u l-marki fit-toroq koerenti;
 - (ċ) dawli ta' toroq imdawla u intersezzjonijiet;
 - (d) apparat fil-ġenb tat-triq;

▼B

- (e) l-ambjent fil-ġenb tat-triq, inkluża l-veġetazzjoni;
- (f) l-ostakli mwaħħlin fil-ġenb tat-triq;
- (g) provvediment ta' żoni ta' parkeġġ sikuri;

▼M1

- (h) dispożizzjoni għall-utenti vulnerabbli tat-triq:
 - (i) dispożizzjoni għall-persuni bil-mixi,
 - (ii) dispożizzjoni għall-persuni bir-roti,
 - (iii) dispożizzjoni għal vetturi motorizzati b'żewġ roti;

▼B

- (i) adattament li jkun xieraq għall-utent ta' sistemi stradali ta' lqugħ (riservazzjonijiet ċentrali u crash barriers biex jiġi evitat li jkun hemm perikli għal utenti vulnerabbli).
3. Il-kriterji għall-istadju ta' qabel il-ftuħ:
- (a) is-sikurezza tal-persuni li jużaw it-toroq u l-viżibbiltà f'kundizzjonijiet differenti, bħal eż. fid-dlam u taħt kundizzjonijiet ta' temp normali;
 - (b) iċ-ċarezza tas-sinjali u tal-marki fit-toroq;
 - (ċ) il-kundizzjoni ta' l-uċuħ tat-toroq.
4. Il-kriterji għat-tħaddim bikri: evalwazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fid-dawl ta' l-imġiba attwali ta' l-utenti.
- Awditjar fi kwalunkwe stadju jista' jinvolvi l-bżonn li jitqiesu mill-ġdid il-kriterji mill-istadji ta' qabel.

▼ **M1***ANNESS IIa***ELEMENTI INDIKATTIVI TA' SPEZZJONIJIET IMMIRATI TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ**

1. Allinjament tat-triq u sezzjoni trasversali:
 - (a) viżibbiltà u distanzi viżivi;
 - (b) limitu tal-veloċità u tqassim tal-veloċitajiet f'żoni;
 - (c) allinjament awtoevidenti (jiġifieri "l-leġġibbiltà" tal-allinjament mill-utenti tat-triq);
 - (d) aċċess għall-proprjetà u l-iżviluppi maġenb it-triq;
 - (e) aċċess għall-vetturi ta' emerġenza u tas-servizzi;
 - (f) trattamenti fil-pontijiet u fil-kanali;
 - (g) tqassim tal-ġenb tat-triq (korsija ta' emerġenza, waqfiet tal-bankini, għub imħaffra jew mgħollija).
2. Intersezzjonijiet tat-toroq u interskambji:
 - (a) adegwatezza tat-tip ta' intersezzjoni/interskambju;
 - (b) ġeometrija tat-tqassim tal-intersezzjoni/interskambju;
 - (c) viżibbiltà u leġġibbiltà (il-perċezzjoni) tal-intersezzjonijiet;
 - (d) viżibbiltà fl-intersezzjoni;
 - (e) tqassim tal-karreġġati awżiljari fl-intersezzjonijiet;
 - (f) kontroll tat-traffiku fl-intersezzjoni (eż. ikkontrollati permezz ta' stop jew permezz ta' sinjali tat-traffiku, eċċ.);
 - (g) eżistenza ta' postijiet fejn jistgħu jaqsmu t-triq il-persuni bil-mixi u l-persuni bir-roti.
3. Dispożizzjoni għall-utenti vulnerabbli tat-triq:
 - (a) dispożizzjoni għall-persuni bil-mixi;
 - (b) dispożizzjoni għall-persuni bir-roti;
 - (c) dispożizzjoni għal vetturi motorizzati b'żewġ roti;
 - (d) trasport pubbliku u infrastrutturi;
 - (e) passaġġi fl-istess livell triq/binarji (b'attenzjoni, b'mod partikolari, għat-tip ta' passaġġ u jekk huwiex ikkontrollat minn persunal, jekk huwiex mingħajr persunal, jekk huwiex manwali jew awtomatizzat).
4. Dwal, sinjali u marki:
 - (a) sinjali tat-triq koerenti, li ma jfixklux il-viżibbiltà;
 - (b) leġġibbiltà tas-sinjali tat-traffiku (pożizzjoni, daqs, kulur);
 - (c) arbli tas-sinjali;
 - (d) marki tat-triq koerenti u d-delinjazzjoni tagħhom;
 - (e) leġġibbiltà tal-marki tat-triq (pożizzjoni, dimensjonijiet u retroriflettività f'kundizzjonijiet xotti u mxarrbin);

▼ **M1**

- (f) kuntrast xieraq tal-marki tat-triq;
 - (g) tidwil tat-toroq imdawla u tal-intersezzjonijiet;
 - (h) apparat tal-ġenb tat-triq xieraq.
5. Sinjali tat-traffiku:
- (a) operazzjoni;
 - (b) viżibbiltà.
6. Oġġetti, żoni ħielsa u sistemi ta' trażżin fit-toroq:
- (a) l-ambjent fil-ġenb tat-triq, inkluża l-veġetazzjoni;
 - (b) perikli mal-ġenb tat-triq u distanza mit-tarf tal-karreġġata jew tal-passaġġi għar-roti;
 - (c) adattament tas-sistemi ta' trażżin fit-toroq li jkunu xierqa għall-utent (riżervi ċentrali u lqugħ tal-ħbit għall-prevenzjoni tal-perikli għall-utenti vulnerabbli tat-triq);
 - (d) is-sistemi għat-truf tal-ilqugħ tal-ħbit;
 - (e) sistemi ta' trażżin fit-toroq xierqa fit-toroq fuq pontijiet u kanali;
 - (f) ċnut (f'oroq b'aċċess ristrett).
7. Bankini:
- (a) difetti tal-bankini;
 - (b) reżistenza kontra ż-żliq;
 - (c) materjal sfuż/żrar/ġebel;
 - (d) l-iffurmar ta' għadajjar, skular tal-ilma.
8. Pontijiet u mini:
- (a) preżenza u għadd ta' pontijiet;
 - (b) preżenza u għadd ta' mini;
 - (c) elementi viżivi li jirrappreżentaw perikli għas-sikurezza tal-infrastruttura.
9. Elementi oħra:
- (a) disponibbiltà ta' żoni ta' parkeġġ u żoni ta' mistrieħ sikuri;
 - (b) provvedimenti għal vetturi tqal;
 - (c) tgħammix mill-fanali ta' quddiem;
 - (d) xogħlijiet tat-toroq;
 - (e) attivitajiet perikolużi mal-ġenb tat-triq;
 - (f) informazzjoni xierqa f'taġhmir ITS (eż. sinjali b'messaġġi varjabbli);
 - (g) fawna selvaġġa u animali;
 - (h) twissijiet ta' żoni tal-iskejjel (jekk applikabbli).

▼ M1*ANNEX III***ELEMENTI INDIKATTIVI TA' VALUTAZZJONIJIET TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ FIN-NETWERK KOLLU**

1. Ġenerali:

- (a) tip ta' triq fir-rigward tat-tip u d-daqs tar-reġjuni/bliet li din tgħaqquad;
- (b) tul tas-sezzjoni tat-triq;
- (c) tip ta' żona (rurali, urbana);
- (d) użu tal-art (għall-edukazzjoni, il-kummerċ, l-industrija u l-manifattura, ir-residenza, l-irziezet u l-agrikultura, żoni mhux żviluppati);
- (e) densità tal-punti ta' aċċess għall-proprietà;
- (f) preżenza ta' toroq ta' aċċess (eż. għal ħwienet);
- (g) preżenza ta' xogħlijiet tat-toroq;
- (h) preżenza ta' postijiet tal-parkeġġ.

2. Volumi tat-traffiku:

- (a) volumi tat-traffiku;
- (b) volumi ta' muturi osservati;
- (c) volumi ta' nies bil-mixi osservati fuq iż-żewġ naħat, b'attenzjoni għal "persuni li jimxu għat-tul tat-triq" jew "persuni li jaqsmu t-triq";
- (d) volumi ta' roti osservati fuq iż-żewġ naħat, b'attenzjoni għal dawk "misjuqa mat-triq" jew dawk "jaqsmu t-triq";
- (e) volumi ta' vetturi tqal osservati;
- (f) flussi ta' persuni bil-mixi stmati mill-attributi tal-użu tal-art mal-ġenb tat-triq;
- (g) flussi ta' roti stmati determinati mill-attributi tal-użu tal-art mal-ġenb tat-triq.

3. Data dwar l-aċċidenti:

- (a) għadd ta' fatalitajiet, il-post fejn ġraw u l-kawża tagħhom, skont il-grupp ta' utenti tat-triq;
- (b) għadd ta' korrimenti serji u l-post fejn ġraw skont il-grupp ta' utenti tat-triq.

4. Karatteristiċi operattivi:

- (a) limitu tal-veloċità (ġenerali, għall-muturi; għat-trakkijiet);
- (b) veloċitá tat-operazzjoni (il-85 perċentil);
- (c) ġestjoni tal-veloċitá u/jew trażżin tat-traffiku;
- (d) preżenza ta' tagħmir ITS: twissijiet dwar punti ta' konġestjoni, sinjali b'messaġġi varjabbli;

▼ **M1**

- (e) twissijiet dwar żoni tal-iskejjel;
 - (f) preżenza ta' superviżur tal-iskola għall-qsim tat-triq f'perijodi preskritti.
5. Karatteristiċi ġeometriċi:
- (a) karatteristiċi tas-sezzjoni trażversali (għadd, tip u wisa' tal-karreġġati, tqassim tal-korsiji ta' emerġenza ċentrali medjani u l-materjal tagħhom, karreġġati għar-roti, passaġġi għall-mixi, eċċ.), inkluża l-varjabbiltà tagħhom;
 - (b) kurvatura orizzontali;
 - (c) grad u allinjament vertikali;
 - (d) viżibbiltà u distanzi viżivi.
6. Oġġetti, żoni ħielsa u sistemi ta' trażżin fit-toroq:
- (a) l-ambjent tal-ġenb tat-triq u żoni ħielsa;
 - (b) ostakli fissi fil-ġenb tat-triq (eż. l-arbli tad-dawl, siġar, eċċ.);
 - (c) distanza tal-ostakli mill-ġenb tat-triq;
 - (d) densità tal-ostakli;
 - (e) rumble strips;
 - (f) sistemi ta' trażżin fit-toroq.
7. Pontijiet u mini:
- (a) preżenza u għadd ta' pontijiet, kif ukoll informazzjoni rilevanti dwarhom;
 - (b) preżenza u għadd ta' mini, kif ukoll informazzjoni rilevanti dwarhom;
 - (c) elementi viżivi li jirrappreżentaw perikli għas-sikurezza tal-infrastruttura.
8. Intersezzjonijiet:
- (a) it-tip ta' intersezzjoni u l-għadd ta' daħliet/ħarġiet (b'attenzjoni, b'mod partikolari, għat-tip ta' kontroll u l-preżenza ta' dawriet protetti);
 - (b) preżenza ta' kanalizzazzjoni;
 - (c) kwalità tal-intersezzjoni;
 - (d) volum tat-triq tal-intersezzjoni;
 - (e) preżenza ta' intersezzjonijiet fl-istess livell triq/binarji (b'attenzjoni, b'mod partikolari, għat-tip ta' intersezzjoni u jekk hijiex ikkontrollata minn persunal, jekk hijiex mingħajr persunal, jekk hijiex manwali jew awtomatizzata).
9. Manutenzjoni:
- (a) difetti fil-bankini;
 - (b) reżistenza tal-bankina kontra ż-żliq;
 - (c) kundizzjoni tal-korsija ta' emerġenza (inkluża l-veġetazzjoni);

▼ M1

- (d) kundizzjoni tas-sinjali, tal-marki u d-delinjazzjoni;
 - (e) kundizzjoni tas-sistemi ta' trażżin fit-toroq.
10. Faċilitajiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:
- (a) postijiet fejn jaqsmu l-persuni bil-mixi u bir-roti (intersezzjonijiet fil-livell tat-triq u separazzjoni tal-livelli);
 - (b) postijiet fejn jaqsmu persuni bir-roti (intersezzjonijiet fil-livell tat-triq u separazzjoni tal-livelli);
 - (c) ċnut għall-persuni bil-mixi;
 - (d) eżistenza ta' bankini jew faċilità separata;
 - (e) faċilitajiet għar-roti u t-tip tagħhom (passaġġi għar-roti, korsiji għar-roti, oħrajn);
 - (f) kwalità tal-intersezzjonijiet għall-persuni bil-mixi fir-rigward tal-viżibbiltà u s-sinjallazzjoni ta' kull faċilità;
 - (g) faċilitajiet tal-intersezzjoni għall-persuni bil-mixi u bir-roti fuq id-daħla ta' triq minuri li tingħaqad man-netwerk.
 - (h) eżistenza ta' rotot alternattivi għall-persuni bil-mixi u bir-roti f'każ li ma jkunx hemm faċilitajiet separati.
11. Sistemi ta' qabel/wara haġta għall-korriment tat-traffiku u elementi ta' miti-gazzjoni tal-gravità:
- (a) ċentri operattivi tan-netwerk u faċilitajiet ta' kontroll oħra;
 - (b) mekkaniżmi biex l-utenti tat-toroq jiġu informati dwar il-kundizzjonijiet tas-sewqan għall-prevenzjoni ta' aċċidenti jew inċidenti;
 - (c) sistemi AID (detezzjoni awtomatika tal-inċidenti): sensuri u kameras;
 - (d) sistemi ta' ġestjoni tal-inċidenti;
 - (e) sistemi għal komunikazzjoni ma' servizzi ta' emerġenza.

▼B*ANNEX IV***INFORMAZZJONI DWAR L-INĊIDENTI FIR-RAPPORTI TA' L-INĊIDENTI**

Ir-rapporti ta' l-inċidenti għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

▼M1

1. il-pożizzjoni tal-inċident (kemm jista' jkun preċiż), inklużi l-koordinati tal-GNSS;

▼B

2. l-istampi u/jew id-dijagrammi tal-post ta' l-inċident;
3. id-data u l-ħin ta' l-inċident;
4. informazzjoni dwar it-triq, bħal pereżempju, it-tip taż-żona, it-tip tat-triq, it-tip ta' junction inklużi s-sinjali, in-numru tal-lanes, il-marki, wiċċ it-triq, il-kundizzjonijiet tad-dawl u tat-temp, il-limitu tal-veloċità, u l-ostakli fil-ġenb tat-triq;

▼M1

5. gravità tal-aċċident;

▼B

6. il-karatteristiċi tal-persuni involuti, bħal età, is-sess, in-nazzjonalità, il-livell ta' alkoħol, l-użu jew le ta' apparat tas-sikurezza;
7. *data* dwar il-vetturi involuti (tip, età, pajjiż, l-apparat tas-sikurezza jekk ikun rilevanti, data ta' l-aħħar kontroll tekniku perjodiku skond il-leġiżlazzjoni li tapplika);
8. *data* dwar l-inċident bħal tip ta' inċident, tip ta' ħabta, manuvri tal-vettura u tas-sewwieq;
9. fejn possibbli, informazzjoni dwar il-ħin li għadda bejn il-ħin ta' l-inċident u r-reġistrazzjoni ta' l-inċident, jew il-wasla tas-servizzi ta' emerġenza.